



BANK ĊENTRALI EWROPEW  
EUROSISTEMA

## TRASKRIZZJONI TAL-VIDJOS #ASKDRAGHI

Mistoqsija dwar l-irkupru ekonomiku tal-Ewropa waslitilna permezz ta' Facebook, u Ismail mill-Italja jixtieq ikun jaf: "L-Ewropa meta se tirkupra għalkollox mir-reċessjoni li laqtitha?"

L-Ewropa rkuprat mir-reċessjoni, iżda r-reċessjoni kienet serja ħafna, probabbilment - anzi kienet żgur l-iż-żejjed reċessjoni severa minn żmien ir-Reċessjoni l-Kbira tas-snин 30 tas-seklu li għadda.

Miljuni ta' nies tilfu l-impieg, u għaż-żgħażaqgħ sar iż-żejjed diffiċli minn qatt qabel biex isibu impieg.

Issa, għal dawn l-aħħar erba' snin u nofs l-ekonomija fl-Ewropa ilha tespandi kontinwament. U l-impieg hu oħla milli qatt kien qabel. F'dawn l-aħħar tliet snin u nofs inħolqu 7 miljun impieg.

Iżda hawn rridu noqogħdu attenti. Wara dawn iċ-ċifri hemm bosta realtajiet moħbija.

Jiġifieri, u b'mod iż-żejjed speċifiku, il-kwalità ta' dawn l-impieg trid tittejjeb. Hemm ħafna impieg temporanji, ħafna impieg part-time.

Jiġifieri, s-sitwazzjoni tjiebet sew, iżda rridu nkomplu ntejbuha.

Fi kwalunkwe każ, dan kollu kien possibbli l-aktar bis-saħħa tal-politika monetarja tagħna. Għaliex ir-riġati tal-imgħax inżammu baxxi għal żmien twil, u n-nies setgħu jisselfu l-flus, jixtru djar, jinvestu, u joħolqu l-impieg.

Għalhekk irridu nkomplu naħdmu, u ma ninsewx x'inħuma l-problemi ewlenin, iżda s-sitwazzjoni issa hi ħafna aħjar.

**Jan mill-Belġju hu mħasseb dwar il-qgħad. Din hi t-tweet tiegħu: "Immaġina li l-intelliġenza artifiċjali u r-robots jikkawżaw qgħad massiv fost iż-żgħażaqgħ. Il-BĊE kif firreġġixxi?"**

It-ħassib li l-progress tekniku jista' jeqred l-impieg, naħseb li hu antik daqs ir-Rivoluzzjoni Industrijali, iż-żmien meta beda dan kollu.

S'issa l-esperjenza wriet li l-impiegli li nħolqu bl-introduzzjoni ta' teknoloġiji ġoddha kienu fil-fatt iż-żejjed numerużi mill-impiegli li nqerdu b'din l-introduzzjoni.

U nistgħu nkunu raġonevolment ottimisti li dan hu veru.



## BANK ĊENTRALI EWROPEW

### EUROSISTEMA

Iridu jiġu sodisfatti żewġ kundizzjonijiet. L-ewwel waħda hi li l-benefiċċi li żdiedu f'dawk is-setturi fejn ġew introdotti teknoloġiji ġodda, jiġu trasferiti wkoll lill-bqija tal-ekonomija, biex b'hekk jistgħu jinħolqu iżżej impjiegxi xi mkien ieħor.

Il-kundizzjoni l-oħra hi li n-nies li jitilfu l-impjieg fis-setturi milqutin mit-teknoloġija l-ġdida jistgħu jsibu impjiegxi oħra fil-bqija tal-ekonomija.

U spiss, dan l-aġġustament la hu sempliċi u lanqas bla xkiel. Għalhekk, xi appoġġ mill-gvern ikun fil-fatt meħtieġ, kemm f'termini ta' edukazzjoni kif ukoll ta' taħriġ, biex in-nies ikunu jistgħu jitgħallmu ħiliet ġodda.

**Victoria,, li bħalissa tgħix fi Franz, tixtieq tkun taf: "Kif nistgħu nisfruttaw it-teknoloġija blockchain biex tappoġġa lill-ekonomija?"**

Fil-fatt it-teknoloġija blockchain hi promettenti ħafna. Tippermetti li ċerti proċessi jsiru ħafna iżżej malajr milli kienu jsiru qabel.

Pereżempju, jekk ikun hemm kont li jrid jitħallas, dan jista' jitħallas minnufih u awtomatikament meta wieħed jirċevi.

B'hekk, bħala teknoloġija ġdida promettenti, x'aktarx li se tappoġġa lill-ekonomija u toħloq ħafna beneficiċċi.

Aħna interessati ħafna f'din it-teknoloġija, iżda għadha mhijiex sigura bizzarejjed għax-xogħol tal-banek ċentrali, u għalhekk jeħtieġ li nistudjawha mill-qrib u nivverifikawha iżżej.

Fil-fatt, billi dan il-proċess ta' riċerka muwiex sempliċi, għaqqa qadna l-isforzi tagħna ma' dawk tal-Bank of Japan. Nisperaw, madankollu, li tkun utli ħafna.

**Mistoqsija dwar il-Bitcoin waslet mill-Italja, u hawn Italo jixtieq ikun jaf: "Kieku kont student universitarju żagħżugħ bħali, kont tixtri ftit Bitcoin u żżommhom għas-sikurezza?"**

Mhux kompitu tiegħi li ngħid lill-Italo x'għandu jagħmel. Iżda sinċerament, jien kieku naħsibha sew.

Inti taf li euro llum hu euro għada wkoll. Il-valur tiegħu hu stabbli. Il-valur tal-Bitcoin tiela' u nieżel bla kontroll.

Minħabba f'hekk, kieku jien ma nsejja x il-Bitcoin munita, u dan għal raġuni oħra wkoll.

L-euro hu appoġġat mill-Bank Ċentrali Ewropew. Id-dollaru hu appoġġat mill-Federal Reserve. Il-muniti huma appoġġati mill-banek ċentrali jew mill-gvernijiet tagħhom. Ħadd ma jappoġġa l-Bitcoin.

U barra minn hekk, rajt ukoll li ħafna minkom għamlu mistoqsijiet dwar jekk il-BĊE huwiex se jipprobixxi l-bitcoins jew jekk huwiex se jirregola l-bitcoins.

Irrid ngħid, li mhijiex ir-responsabbiltà tal-BĊE li jagħmel dan..



**BANK ĊENTRALI EWROPEW**  
EUROSISTEMA

**Christiaan mill-Olanda għamel il-mistoqsija li ġejja: "Taħseb li I-UE u I-BĊE se jkunu jistgħu jagħmlu bizzżejjed riformi biex ikunu jistgħu jlaħqu ma' kriżi ekonomika kbira oħra qabel ma sseħħ?"**

Issa, bħalma tafu, biex inwieġbu għal din il-mistoqsija jeħtieġ li mmorru lura u nsaqsu lilna nfusna kif kien dawn il-pajjiżi meta daħlu fil-kriżi.

U daħlu fil-kriżi b'erba' dgħufijiet kbar.

L-ewwel waħda kienet li ħafna ekonomiji fiż-żona tal-euro ma kienek kompetittivi.

It-tieni kienet li d-dejn pubbliku kien għoli, u għalhekk il-gvernijiet ma setgħux jirreagħxu għall-kriżi, żiedu l-baġits tagħhom - u d-defċiċts tal-baġit kien għoljin ukoll.

U d-dejn privat ukoll - kemm tal-individwi kif ukoll tal-kumpaniji - kien għoli, li jfisser li l-individwi ma setgħux jirreagħxu għal telf ta' dħul f'daqqa waħda billi jżidu d-dejn tagħhom.

Is-sistema finanzjarja, is-sistema bankarja, kien dgħajfa u fraġli, u l-unjoni monetarja tagħna tant kienet inkompluta li ma setgħetx tlaħħaq mal-kriżi b'mod effettiv.

Issa, naħseb, sar progress sinifikanti f'dawn l-oqsma kollha.

Illum ħafna ekonomiji huma iżjed kompetittivi, id-dejn pubbliku naqas, iżda għad baqa' ħafna xi jsir.

Id-dejn privat naqas, kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-individwi, u s-sistema finanzjarja issa għandha regoli iżjed stretti, u fl-unjoni monetarja tagħna ħloqna superviżur bankarju uniku.

Jiġifieri l-affarijiet inbidlu, iżda rridu nkomplu naħdmu fil-qasam tal-kompetittività, fil-qasam tad-dejn, u fuq l-unjoni monetarja tagħna, fejn irridu nsaħħu l-integrazzjoni monetarja.

U l-gvernijiet qed jimxu sew f'din id-direzzjoni.